MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1234/1993/1

**Bertu Camilleri u b'digriet tal-24 ta' Gunju 2005, stante l-mewt ta' Bertu Camilleri fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem il-werriet tieghu Joseph Camilleri**

**v.**

**Joseph Sciberras u b'digriet tal-15 ta' April 1994 giet ordnata il-kjamata-in-kawza ta' Carmelo Sciberras, u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2000 l-atti tal-konvenut gew trasfuzi f'isem James Sciberras**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi gie kommess spoll vjolenti u klandestin mill-konvenut u dan b’dannu u kontra r-rieda ta’ l-attur, liema spoll jikkonsisti fil-fatt li l-konvenut dahal u nehha mill-pussess lill-attur ta’ l-ghalqa f’Burmarrad, fil-bidu tat-telgha tal-Wardija imsejha ‘ta’ Pirper’; illi minn meta gie kommess dan l-ispoll sal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni m’ghaddewx xahrejn; illi ma kienx hemm reintegrazzjoni ghall-istat anecedenti mill-konvenut; talab ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: (1) tiddikjara li l-fatt li l-konvenut dahal u nehha mill-pussess lill-attur ta’ l-ghalqa f’Burmarrad, fil-bidu tat-telgha tal-Wardija imsejha ‘ta’ Pirper’, kontra r-rieda ta’ l-attur jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin; (2) tikkundanna lill-konvenut illi fi zmien qasir u perentorju jirreintegra lill-attur fl-istat antecedenti ghall-istess spoll; (3) fin-nuqqas li dan isir, tawtorizza illi l-istess reintegrazzjoni ssir mill-attur u dan bi spejjez ta’ l-istess konvenut; bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni; b’riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xiehda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni kif promossa hija rrita ghaliex l-ghalqa imsemmija fic-citazzjoni mhix ta’ l-eccipjent biss;

2. Minghajr pregudizzju, li l-azzjoni attrici hija infondata fid-dritt u fil-fatt;

3. Salvi eccessjonijiet (*sic*) ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xiehda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut (*recte*: kjamat in kawza) Carmelo sive Charles Sciberras illi biha eccepixxa:

1) Illi l-azzjoni attrici hija infondata fid-dritt u fil-fatt;

2) Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat fil-kawza u l-lista tax-xiehda relativa;

Rat is-sentenza tat-tlieta (3) ta' Lulju, 2003 illi permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
"… tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza, tilqa' t-talbiet tal-attur, u ghal fini tat-tieni talba, tipprefiggi terminu ta' xahar mil-lum li fih il-konvenut James Sciberras ghandu jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-ghalqa in kwistjoni u tas-sigar u d-dwieli li kien hemm fiha, kif indikat aktar qabel fil-korp ta' din is-sentenza, u, f'kaz li l-konvenut James Sciberras, ma jottemperax ruhu ma' dan fit-terminu preksritt [*recte*: preskritt], qed tawtorizza minn issa li l-istess xoghol ta' reintegrazzjoni isir mill-attur a spejjez tal-istess konvenut; f'kull kaz, ix-xoghol ta' reintegrazzjoni, inkluz ir-repristinar tas-sigar u d-dwieli, irid isir taht il-kontroll u supervizzjoni tal-AIC Renato Laferla, li qed jigi nominat ghal dan l-iskop. Il-kjamat fil-kawza, Carmelo Sciberras qed jigi kkundannat sabiex hu wkoll jivvaka l-ghalqa in kwistjoni, u jippermetti li jsir ix-xoghol ta' reintegrazzjoni kif precizat f'din is-sentenza.

L-ispejjes kollha tal-kawza, inkluz dawk tal-Perit Tekniku, u tal-istess Perit mahtur biex jissorvelja l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza, ghandhom jithallsu mill-konvenut James Sciberras";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi f'din il-kawza, l-attur qed jallega li gie kommess spoll, vjolenti u klandestin, mill-konvenut b'dannu u kontra r-rieda tieghu, li jikkonsisti li l-istess konvenut, fil-5 ta' Ottubru, 1993, dahal go ghalqa fil-pussess tal-attur (li hi msejha 'ta' Pirper'), li qieghda fil-bidu tat-telgha tal-Wardija, fil-limiti ta' Burmarrad. B'rizultat ta' dan l-allegat spoll, il-konvenut dahallu fl-ghalqa bil-gaffa u qaccattlu kull ma kien hemm, u cioè, 30 sigra tal-bajtar, 20 dielja, li kien

hemm bejn il-bajtar, 8 sigriet tal-hawh (dawn kollha kienu jaghmlu l-frott u kienu sigar kbar), 3 lewziet mill-helu, kbar u jaghmlu l-lewz, 3 naspliet u sigra tal-laring, u oltre, ghalaqlu l-access ghall-ghalqa peress li kien rikoverat l-isptar.

"Kif intqal u kif kemm il-darba gie stabbilit mill-gurisprudenza lokali, min igib 'l quddiem azzjoni ta' spoll *de recenti*, fiz-zmien hekk imsejjah 'privileggjat', u jirnexxi fiha, hemm bzonn li jipprova tliet rekwiziti, li huma (a) *possedisse*, (b) *spoliatum fuisse*, u (c) *infra binestre* [*recte*: *bimestre*] *deduxisse*; liema spoll irid ikun vjolenti u klandestin.

"F'materja ta' spoll, ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll, ghax *spoliatus ante omnia restituendus*, billi din l-azzjoni hija ta' ordni pubbliku, u hi intiza illi tipprojbixxi illi wiehed jaghmel gustizzja b'idejh u minghajr l-intervent tat-tribunali. L-azzjoni ta' spoll hija privileggjata, u kontra taghha m'huwiex [*recte*: m'humiex] ammissibbli eccezzjonijiet ohra hlief dilatarji, u l-ezami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess, u mhux ghall-investigazzjoni tan-natur[a] tal-pussess tal-ispoljat; dana ghaliex il-ligi ma tirrikjedix hlief pussess materjali u ta' fatt. Ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix prova tal-legittimità tal-pussess tat-turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke kontra l-possessur *in mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha hemm il-pretensjoni li gie kommess spoll. Hemm ir-rekwizit ta' spoll anke meta l-ispoljat ghandu s-semplici detenzjoni, u l-uniku kaz fejn il-gudizzju ta' l-ispoll jista' jigi sospiz, huwa meta l-pussess ikun ekwivoku u mhux manifest. Intqal ukoll li l-possessur jista' jirnexxi f'din l-azzjoni, '*comunque breve ed illegittimo possa essere stato tale possesso*' (ara Vol. XXXVII.I.280; XXXVI.II.558; XXIII.II.82).

"Din il-Qorti, fil-kawza *Micallef vs Sammut* deciza fit-2 ta' Lulju, 1982, osservat li l-azzjoni ta' spoll tirnexxi anke jekk il-pussess huwa prekarju; pussess materjali ta' kwalunkwe xorta huwa bizzejjed. '*In tema legali jinghad li l-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilità*

*socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja b'idejh, b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat*.'

"Fil-kaz in ezami, jirrizulta ben car li l-attur kellu l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni. Dan jirrizulta mhux biss mid-deposizzjoni tal-istess attur, izda hu ammess mill-kjamat fil-kawza, meta xehed, li l-parti mill-ghalqa in kwistjoni, kien jahdimha missier l-attur, u wara kien ghaddiha lilu, cioè, lill-istess attur. Hekk ukoll il-konvenut James Sciberras (li dahal fil-kawza flok missieru Joseph Sciberras li miet fil-mori tal-kawza) qal li qabel ma dahal u beda jahdem l-ghalqa in kwistjoni, dik l-istess ghalqa kien jahdimha l-attur. Dan fil-fatt xehed li l-ghalqa kienu haduha minn idejn l-attur ghax dan ma kienx ihallas qbiela u ma kienx jahdimha. Jirrizulta, però, li wara li l-konvenuti kienu xtraw l-ghalqa (il-Perit Tekniku esprima dubju dwar kemm il-konvenuti kienu xtraw l-ghalqa in kwistjoni, però, ghal fini ta' din il-kawza, dan il-punt mhux daqshekk importanti), huma accettaw tlett snin qbiela minghand l-attur, u la darba huma, allura, accettaw u rrikonoxxew it-titolu tal-attur fuq l-ghalqa, ma kellhomx jaqbdu u jehduhielu, izda, s*e mai*, jipprocedu skond il-ligi ghall-izgumbrament tieghu minhabba l-allegati nuqqasijiet. Din l-azzjoni ta' spoll hija precizament intiza biex tevita agir unilaterali bhal dan, u cioè, li l-konvenuti jiehdu l-ligi b'idejhom u jipprovdu huma ghal dik li l-ligi trid li jsehh wara li jittiehdu l-proceduri opportuni quddiem it-tribunal kompetenti.

"Oltre dan, ma jirrizultax li l-attur qatt abbanduna l-ghalqa, u jekk din ghamlet zmien mizrugha bis-silla, dan ma jfissirx li l-ghalqa giet abbandunata, ghax dan il-prodott jintuza, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz, bhala ikel ghall-baqar u annimali ohra.

"Li l-attur gie spoljat mill-pussess li kellu tal-ghalqa, u dan mill-konvenut Joseph Sciberras, jirrizulta car ukoll mill-provi mismugha. L-attur ikkonferma dettaljatament kif dak il-konvenut dahallu fl-ghalqa bil-gaffa u haratlu l-art

kollha u anke qaccattlu diversi sigar li kellu mhawwel [*recte*: mhawwla]. Il-fatt ta' l-ispoll johrog ukoll mix-xhieda tal-konvenuti, specjalment min James Sciberras, meta xehed li l-ghalqa kien jahdima l-attur, izda missieru kien 'hadhielu' u kien mieghu meta ghamel dan.

"Dwar ir-rekwiziti ta' vjolenza jew klandestinità, jigi rilevat, fl-ewwel lok, li mhux rikjesti dawn iz-zewg rekwiziti f'daqqa, izda jekk tirrizulta wahda jew ohra, ikun sufficjenti (*Desira vs Lungaro*, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 1961), u, fit-tieni lok, li mhux mehtieg il *vix atrox*, cioè, xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur jew tad-detentur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga, liema vjolazzjoni tavvera ruhha jekk l-opra spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tal-istess possessur jew detentur (*Vella vs Caruana*, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 1982).

"F'dan il-kaz, jirrizulta li l-ispoll sehh minghajr il-kunsens tal-attur, u, anzi, *ad insaputa* tieghu. Hu kien rikoverat l-isptar, u meta hareg sab li l-ghalqa minnu detenuta kienet, kontra r-rieda tieghu, okkupata mill-konvenuti.

"Illi rigward it-terminu ta' xahrejn, dan hu element li, kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur - ara *Borg vs Cassar*, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2002. Ghalkemm l-attur kien ftit konfussjonali dwar iz-zmien meta sehh l-ispoll (specjalment meta ma jindikax preciz kemm dam l-isptar, ghax darba jghid li dam xi xahrejn u darba ohra xi xahar), mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti hi sodisfatta li anke dan l-element gie pruvat. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-attur xehed li l-ispoll sehh fil-5 ta' Ottubru, 1993, u din l-istqarrija ma gietx kontradetta. Il-konvenut James Sciberras, meta xehed f'April tal-2002, qal li missieru dahal fl-ghalqa xi tmien snin ilu, li tpoggi l-att ta' spoll, sewwa sew, ghall-habta tal-ftuh ta' din il-kawza.

"Din il-Qorti, bhal Perit Tekniku, hi, allura, tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova l-elementi tal-azzjoni minnu intentata. L-ordni ta' reintegrazzjoni ghandha tinghata lill-konvenut James Sciberras, bhala eredi ta' Joseph

Sciberras, li rrizulta li kkometta l-ispoll, filwaqt li l-kjamat fil-kawza, Carmelo Sciberras, peress li x-xoghol rimedjali irid isir f'ghalqa li, milli jidher, hu qieghed ukoll jokkupa, irid jissottometti ruhu u jippermetti li dan ix-xoghol isir (ara *Darmanin vs Tabone*, deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 1984)."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut James Sciberras u tal-kjamat fil-kawza illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju, 2003 billi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti (*sic*), u tichad id-domandi attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur, komprizi dawk tal-Perit Arkitett nominat mill-ewwel Qorti;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat sebgha (7) tar-rikors ta' appell taghhom il-konvenut u l-kjamat fil-kawza qalu hekk dwar l-aggravji illi huma ghandhom kontra s-sentenza appellata (fol. 172):
"Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu principalment fit-tlett kwistjonijiet li jridu jigu konsiderati, u cioè:

i) Jekk kienx hemm pussess ta' l-ghalqa da parti tal-attur u jekk eventwalment sarx spoll.

ii) Fil-kaz affermattiv ghall-ewwel indagini, jekk l-azzjoni promossa gietx intavolata fi zmien xahrejn mill-avverat spoll; u

iii) L-attendabilità u c-certezza tal-fatti kif avveraw ruhhom fuq il-bazi tax-xiehda ta' l-attur u l-provi minnu prodotti, u fuq il-bazi tax-xiehda tal-konvenuti u l-provi minnhom prodotti";

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, it-tielet (3) aggravju ma huwa xejn hlief riciklagg taz-zewg (2) aggravji l-ohra;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx wisq x'jinghad dwar l-ewwel (1) aggravju. Infatti, mnn dak illi jinghad fil-paragrafi enumerati minn tmienja (8) sa sittax (16) tar-rikors ta' appell illi huwa rilevanti ghall-finijiet ta' l-aggravju in ezami, jirrizulta illi dan l-aggravju ma huwa xejn hlief sottomissjoni illi, kwantu ghad-determinazzjoni ta' jekk l-attur fiz-zmien meta gie kommess l-allegat spoll kellux il-pussess mehtieg ghall-finijiet ta' l-*actio spolii* ta' l-ghalqa in kwistjoni u ta' jekk effettivament avverax ruhu l-att spoljattiv da parti tal-konvenut allegat mill-attur, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat sewwa dawn il-provi, ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. F'dan ir-rigward, huwa sufficjenti illi tigi hawn riprodotta is-segwenti silta mis-sentenza appellata illi l-kontenut taghha - illi huwa ineccepibbli - juri illi z-zewg (2) rekwiziti illi ghadhom kemm issemmew – fil-*gergo possedesse* u *spoliatum fuisse* - gew pjenament sodisfatti (fol. 165 sa 167):
"Fil-kaz in ezami, jirrizulta ben car li l-attur kellu l-pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni. Dan jirrizulta mhux biss mid-deposizzjoni ta' l-istess attur, izda hu ammess mill-kjamat fil-kawza, meta xehed, li l-parti mill-ghalqa in kwistjoni, kien jahdimha missier l-attur, u wara kien ghaddiha lilu, cioè, lill-istess attur. Hekk ukoll il-konvenut James Sciberras (li dahal fil-kawza flok missieru Joseph Sciberras li miet fil-mori tal-kawza) qal li qabel ma dahal u beda jahdem l-ghalqa in kwistjoni, dik l-istess ghalqa kien jahdimha l-attur. Dan fil-fatt xehed li l-ghalqa kienu haduha minn idejn l-attur ghax dan ma kienx ihallas qbiela

u ma kienx jahdimha. Jirrizulta, però, li wara li l-konvenuti kienu xtraw l-ghalqa (…), huma accettaw tlett snin qbiela minghand l-attur, u la darba huma, allura, accettaw u rrikonoxxew it-titolu ta' l-attur fuq l-ghalqa, ma kellhomx jaqbdu u jehduhielu, izda, *se mai*, jipprocedu skond il-ligi ghall-izgumbrament tieghu minhabba l-allegati nuqqasijiet. Din l-azzjoni ta' spoll hija precizament intiza biex tevita agir unilaterali bhal dan, u cioè, li l-konvenuti jiehdu l-ligi b'idejhom u jipprovdu huma ghal dik li l-ligi trid li jsehh wara li jittiehdu l-proceduri opportuni quddiem it-tribunal kompetenti.

…

Li l-attur gie spoljat mill-pussess li kellu ta' l-ghalqa, u dan mill-konvenut Joseph Sciberras, jirrizulta car ukoll mill-provi mismugha. L-attur ikkonferma dettaljatament kif dak il-konvenut dahallu fl-ghalqa bil-gaffa u haratlu l-art kollha u anke qaccattlu diversi sigar li kellu mhawwel. Il-fatt ta' l-ispoll johrog ukoll mix-xiehda tal-konvenuti, specjalment min James Sciberras, meta xehed li l-ghalqa kien jahdima l-attur, izda missieru kien 'hadhielu' u kien mieghu meta ghamel dan."

Minn dak illi inghad sa issa jirrizulta illi l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel haga illi ghandha tinghad dwar it-tieni (2) aggravju hija illi, ghalkemm huwa minnu illi, kif jinghad fis-sentenza appellata, l-oneru tal-prova illi l-att ta' citazzjoni odjern gie intavolat fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll jinkombi fuq min jallega l-ispoll, jigifieri l-attur, huwa ukoll minnu illi, kif jissottometti l-attur fir-risposta ta' l-appell tieghu (fol. 179), la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza ma taw eccezzjoni fis-sens ta' l-aggravju taghhom issa in ezami;

Illi dak il-ftit illi jinghad fir-rikors ta' appell in sostenn tat-tieni (2) aggravju ukoll jammonta ghal sottomissjoni illi, sabiex waslet ghall-konkluzjoni illi l-azzjoni attrici giet

intavolata *entro* t-terminu ta' xahrejn mill-kommissjoni ta' l-allegat spoll, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Anqas ma' din is-sottomissjoni ma taqbel dina l-Qorti ghaliex, fil-fehma taghha, l-ewwel Qorti ghamlet analizi tajjeb tal-provi rilevanti ghall-finijiet tal-materja in kwistjoni fis-segwenti silta tas-sentenza appellata (fol. 167-168):
"Illi rigward it-terminu ta' xahrejn, dan hu element li, kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur … Ghalkemm l-attur kien ftit konfussjonali dwar iz-zmien meta sehh l-ispoll (specjalment meta ma jindikax preciz kemm dam l-isptar, ghax darba jghid li dam xi xahrejn u darba ohra xi xahar), mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti hi sodisfatta li anke dan l-element gie pruvat. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-attur xehed li l-ispoll sehh fil-5 ta' Ottubru, 1993, u din l-istqarrija ma gietx kontradetta. Il-konvenut James Sciberras, meta xehed f'April tal-2002, qal li missieru dahal fl-ghalqa xi tmien snin ilu, li tpoggi l-att ta' spoll, sewwa sew, ghall-habta tal-ftuh ta' din il-kawza."

Ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti ma huwa fondat;

L-appell kollu kemm hu jirrazenta l-fieragh.

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' xahar, stabbilit ghall-finijiet tat-tieni (2) talba attrici, ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------